31993D0365

L 151/38 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.6.1993

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ġunju 1993

li tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jipprovdu għal derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE fir-rigward ta' injam koniferu mnixxef ittrattat bis-sħana, li joriġina fil-Kanada, u li tistabbilixxi d-dettalji tas-sistema indikatriċi li għandha tiġi applikata għall-injam ittrattat bis-sħana

(93/359/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar miżuri ta' protezzjoni kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/19/KEE [2], u b'mod partikolari t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 14(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mill-Istati Membri,

Billi skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/93/KEE, minħabba r-riskju li jiġu introdotti organiżmi ta' ħsara, injam koniferu (*Coniferales*) minbarra dak ta' *Thuja L.* u njam fil-forma ta':

— laqx, partikoli, injam skartat, jew ruttam miksub bħala ħaġa sħiħa jew biċċa minn dawk il-koniferi

— kaxex, kontenituri jew bramel għall-ippakkjar,

— *pallets*, *pallets* fil-forma ta' kaxxa jew twavel oħra użati għat-tagħbija,

— bċejjeċ ta' l-injam, *spacers* u ġarrara,

iżda li jinkludi injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina fil-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea, it-Tajwan u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ma jistax jiġi introdott fil-Komunità, sakemm ma jkunx għadda minn trattament ta' sħana addattat sabiex tintlaħaq temperatura minima fil-qalba ta' l-injama ta' 56 °Ċ għal 30 minuta u sakemm ma jkunx akkompanjat b'ċertifikati preskritti fl-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva msemmija;

Billi njam ta' koniferi li joriġina fil-Kanada qiegħed jiġi fil-preżent introdott fil-Komunità; filwaqt li ġeneralment, f'dan il-każ, ma jiġux maħruġa ċertifikati fitosanitarji f'dak il-pajjiż; filwaqt li għandhom jiġu stabbiliti d-dettalji tas-sistema indikatriċi li għandha tkun applikata fuq l-injam, sabiex tikkonferma li l-injam ikun għadda mit-trattament ta' sħana meħtieġ li jilħaq temperatura minima ta' 56 °Ċ għal 30 minuta fil-qalba ta' l-injam;

Billi l-Kummissjoni stabbiliet, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Kanada, li ġie mniedi programm ta' verifika ta' trattament bis-sħana approvat u ikkontrollat uffiċjalment li jiżgura li njam jiġi ttrattat bis-sħana fi kmamar tas-sħana għal temperatura minima fil-qalba ta' 56 °Ċ għal 30 minuta sabiex jintlaħaq qtil termali ta' l-organiżmi ta' ħsara kkonċernati (*Bursaphelenchus xylophilus* u l-mard trasmess minnu); filwaqt li r-riskju tat-tixrid ta' organiżmi ta' ħsara relevanti jiġi mnaqqas sakemm l-injam ikun akkumpanjat b' 'Ċertifikat ta' Trattament ta' Tisħin bl-użu ta' Kmamar ta' Tisħin' maħruġ skond dak il-programm;

Billi l-Kummissjoni sejra tiżgura li l-Kanada tagħmel l-informazzjoni teknika kollha meħtieġa disponibbli sabiex tiġi stmata l-funzjonalità tal-programm ta' verifika ta' trattament ta' sħana;

Billi din id-Deċiżjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid sa l-1 ta' April 1995 l-aktar tard;

Billi l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri huma b'dan il-mezz awtorizzati sabiex jipprovdu, soġġetti għall-kondizzjonijiet preskritti fil-paragrafu 2 għal deroga minn l-Artikoli 7(2) u 12 (1) (b) tad-Direttiva 77/93/KEE, fir-rigward ta' injam koniferu, li jkun għadda minn trattament ta' sħana addattat, li joriġina fil-Kanada.

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.
[2] ĠU L 96, tat-22.4.1993, p. 33.

2. Għandhom jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet segwenti:

(a) l-injam għandu jkun ġie prodott f'*sawmills* jew ikun ġie ttrattat f'post addattat approvat u kkwalifikat minn Agrikoltura Kanada għall-parteċipazzjoni fil-programm ta' trattament bis-sħana;

(b) l-injam għandu jiġi ttrattat bis-sħana għal temperatura minima fil-qalba ta' 56 °Ċ għal 30 minuta fi kmamar ta' tisħin ittestjati, evalwati w approvati minn organizzazzjoni indipendenti ta' ttestjar approvata għal dan il-għan minn Agrikoltura Kanada; il-ħin u t-temperatura tat-trattament imsemmi għal-lott speċifiku għandhom jiġu mniżżla u ffajljati;

(ċ) l-evalwazzjoni li hemm riferenza għaliha f'(b) għandha ssir b'metodoloġija li biha, fl-aqħar kondizzjonijiet, jiġi stabbilit il-ħin meħtieġ sabiex tintlaħaq temperatura minima fil-qalba ta' l-injam ta' 56 °Ċ għal 30 minuta; per konsegwenza, għandhom jiġu stabbiliti skedi ta' trattament għal kull kamra ta' tisħin;

(d) il-kmamar ta' tisħin li hemm riferenza għalihom f'(b) għandu jkollhom apparat ikkalibrat sabiex jirrekordja t-temperatura milħuqa waqt it-trattament; dan l-apparat għandu jiġi evalwat ukoll mill-organizzazzjoni ta' ttestjar li hemm riferenza għaliha f'(b);

(e) malli jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet preskritti taħt (b), għandha titwaħħal marka standardizzata fuq il-kwart ta' fuq tan-naħa tal-lemin ta' naħa lonġitudinali ta' kull lott, minn, jew taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċjal maħtur tal-miṫħna li hemm riferenza għaliha f'(a);

(f) għandha titwaqqaf sistema li tiżgura li l-kondizzjonijiet preskritti f' (a) sa (e) jiġu sodisfatti mill-aġenziji uffiċjali ta' *grading*, ikkwalifikati u awtorizzati għal dak il-għan skond programm approvat u kkontrollat minn Agrikoltura Kanada;

(g) sistema ta' kontroll għandha tippermetti lill-ispetturi ta' Agrikoltura Kanada josservaw l-imtieħen approvati li hemm riferenza għalihom f'(a) u jagħmlu spezzjonijiet okkażjonali qabel ma l-kunsinna tintbagħat bil-baħar;

(h) l-injam għandu jkun akkompanjat b' 'Ċertifikat ta' Trattament ta' Tisħin Fi Kmamar ta' Tisħin' li jkun standardizzat skond il-programm imsemmi f' (a), u li jkun jikkonforma ma' l-abbozz mogħti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u li jiġi maħruġ minn persuna awtorizzata f'isem l-imtieħen li jkunu sejrin jipparteċipaw f'dak il-programm approvat minn Agrikoltura Kanada.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 77/93/KEE, Stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-każijiet kollha fejn kunsinni introdotti bi qbil ma' din id-Deċiżjoni ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 1(2)(e) u (ħ).

Artikolu 3

L-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 1 għandha tgħodd mill-1 ta' Ġunju 1993. Għandha tiġi rrevokata jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet preskritti skond l-Artikolu 1(2) ma jkunux biżżejjed sabiex ma jħallux l-introduzzjoni ta' organiżmi ta' ħsara jew ma jkunux ġew sodisfatti. L-awtorizzazzjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid sa l-1 ta' April 1995 l-aktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

HEAT TREATMENT CERTIFICATE — USING HEAT CHAMBERS

CERTIFICAT DE TRAITEMENT À LA CHALEUR AVEC CHAMBRES THERMIQUES

Exporter (Name and address) Exportateur (nom et adresse)	Import entry reference Référence d'entrée aux douanes	Certificate No / N° de certificat
		Date (of / d'inspection/certification)
	Buyer Contract No N° du contrat de l'acheteur	Lot No / N° du lot
Consignee (Name and address) Destinataire (nom et adresse)	Mill (Name and address) Scierie (nom et adresse)	Mill No (agency logo / no) N° de scierie (logo de l'organisme / n°)

Ship name / Nom du navire	Country of origin / Pays d'origine CANADA	Country of destination / Pays destinataire

Point of loading / Lieu de chargement	Port of exit / Port de départ	Port of destination / Port destinataire

Description of consignment / Description du chargement

This document has been issued under the programme officially approved by Agriculture Canada, Plant Protection Division, and the products covered by this document are subject to occasional pre-shipment inspection by that agency, without financial liability to it or its officers.

Ce document a été délivré en vertu du programme officiellement approuvé par la division de la protection des végétaux d'Agriculture Canada. Les produits indiqués sur ce document peuvent être inspectés à l'occasion par cet organisme avant l'expédition sans qu'aucune responsabilité financière ne soit imputée à l'organisme ou à ses agents.

The coniferous lumber to which this certificate applies has been heated to achieve thermal death times for Pinewood Nematode (PWN) and its vector.

Le bois de conifère débité qui est visé par le présent certificat a été soumis à un traitement thermique d'une durée mortelle pour le nématode du pin et son vecteur.

Authorized person responsible for certification - Personne autorisée responsable du certificat au nom de la scierie/de l'expéditeur

and / et

Print / En majuscules | Signature | date

USE OF CERTIFICATE

● Shall only be issued by grading agencies, mills or shippers approved by Agriculture Canada.

● Shaded areas are for optional use of mill, agency or shipper, exporter or importing country.

Exporter - for optional use of exporter.

Consignee - for optional use of exporter.

Import entry reference - for use by country to which document is directed.

Contract No - the buyer contract number.

Certificate No - refers to a number to be assigned by the authorized issuing mill/shipper/agency. Each certificate must bear an individual number so as to clearly identify each individual certificate. This is required by Agriculture Canada.

Date of inspection/certification - refers to the date on which the inspection and certification occurred.

Lot No - refers to the mill lot number of the lumber.

Mill - refers to the mill name or division and provides the address. This information may be pre-printed on to the certificate.

Mill No (or Shipper No) - refers to an approval number assigned by Agriculture Canada to approved participants in the programme. To avoid confusion the number may correspond to mill numbers as provided by grading agencies. Only mill/shippers/agencies listed with and approved by Agriculture Canada may participate in the programme. The mill number may be pre-printed on to the certificate. It consists of two parts, a grading agency logo and a number.

Ship name - for optional use of exporter.

Point of loading - for optional use of exporter.

Port of exit - for optional use of exporter.

Port of destination - for optional use of exporter.

Country of origin - Canada.

Country of destination - these certificates may only be used for lumber destined for countries who have approved their use.

Description of consignment - must include information on the species, marks, grades, numbers of packages, lot or bundle numbers, volume and other appropriate descriptors. If space on the form is insufficient, attach additional pages, and indicate on face of certificate, in the 'Description of consignment' block the number of supplementary pages appended. These additional pages must bear the mill number, certificate number and signature.

If an aggregated consignment is based on numerous certificates, list individual certificate numbers (i.e. mill numbers, certificate numbers and dates) on the single certificate describing the aggregated consignment. The individual certificates need not accompany the goods. This single certificate constitutes a re-certification.

Name and signature - the name of the person responsible for the certificate programme at the mill or for the shipper or the agency, shall print, or legibly write or type their name beside the signature block. The authorized accountable person for the mill/shipper/agency should sign the certificate. The signature indicates the lumber has been properly heat treated, inspected and meets the importing country's requirements.

Disposition of certificate - the original certificate must be presented to the competent authorities in the importing country when the lumber is landed. Issuers must retain copies for their records and for auditing purposes by Agriculture Canada.

Production/printing of certificate - approved participants must print their certificates as the standard format illustrates. They may be printed electronically. The approved mill number may be pre-printed on the documents.

USAGE DU CERTIFICAT

● Ne doit être émis que par les organismes de classements, scieries ou expéditeurs approuvés et répertoriés par Agriculture Canada.

● Tous les espaces ombragés sont réservés à l'usage facultatif de la scierie, de l'organisme de l'expéditeur, de l'exportateur ou du pays importateur.

Exportateur - À l'usage facultatif de l'exportateur.

Destinataire - À l'usage facultatif de l'exportateur.

Référence d'entrée aux douanes - À l'usage facultatif du pays de destination du certificat.

Numéro du contrat - Numéro du contrat de l'acheteur.

Numéro du certificat - Se réfère à un numéro devant être assigné par la scierie ou l'expéditeur approuvé. Chaque certificat doit avoir un numéro individuel qui l'identifie. C'est une exigence d'Agriculture Canada.

Date d'inspection/certification - Date à laquelle l'inspection et la certification du bois scié ont eu lieu.

Numéro du lot - Numéro du lot du bois débité assigné par la scierie.

Scierie - Le nom de la scierie ou de la division, y compris l'adresse. Ces renseignements peuvent être imprimés à l'avance sur le certificat.

Numéro de la scierie (ou numéro de l'expéditeur) - Numéro d'approbation assigné par Agriculture Canada aux participants au programme. Afin d'éviter toute confusion, le numéro peut correspondre au numéro de scierie assigné par les organismes de classement. Seuls les scieries et les expéditeurs répertoriés et approuvés par Agriculture Canada peuvent participer au programme. Le numéro de scierie peut être imprimé à l'avance sur le certificat. Il est composé de deux parties, le logo de l'organisme et un chiffre.

Nom du navire - À l'usage facultatif de l'exportateur.

Lieu de chargement - À l'usage facultatif de l'exportateur.

Port de départ - À l'usage facultatif de l'exportateur.

Port destinataire - À l'usage facultatif de l'exportateur.

Pays d'origine - Canada.

Pays destinataire - Ces certificats ne peuvent être utilisés que pour le bois débité destiné aux pays qui ont approuvé leur usage.

Description du chargement - Doit inclure les renseignements au sujet des espèces, marques, catégories, nombre de paquets, numéros de lot, volume et autres descriptions appropriées. Si l'espace sur la formule n'est pas suffisant, ajouter des pages supplémentaires et indiquer sur le certificat dans la case « Description du chargement » le nombre de pages que vous avez ajoutées. Ces dernières doivent porter le numéro de la scierie, le numéro du certificat et la signature.

Si le chargement est constitué de plusieurs chargements accompagnés de certificats individuels, inscrire les numéros des certificats (c.-à-d. les numéros de la scierie et les numéros des certificats et dates) sur le certificat qui décrit l'ensemble du chargement. Il n'est pas nécessaire d'envoyer les certificats individuels, car cela constituerait une deuxième certification.

Nom et signature - La personne responsable du programme de certificat à la scierie ou le représentant de l'expéditeur ou l'organisme de classement doit imprimer, écrire lisiblement ou dactylographier son nom à côté de la case réservée à la signature. Elle doit également signer le certificat, à titre de personne autorisée au nom de la scierie ou de l'expéditeur. La signature indique que le bois a été traité à la chaleur convenablement, qu'il a été inspecté et qu'il satisfait aux exigences du pays importateur.

Destination du certificat - Le certificat original doit être présenté aux autorités compétentes du pays importateur lorsque le bois est déchargé dans le pays. Les émetteurs des certificats doivent eux-mêmes en garder une copie pour leurs dossiers et aux fins de vérification par Agriculture Canada.

Production et impression des certificats - Les scieries et les expéditeurs doivent assurer la reproduction des certificats, à partir du certificat normalisé. Il est permis de les imprimer électroniquement. Il est également permis d'imprimer à l'avance le numéro approuvé de la scierie.